MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 67/2005/1

**Anthony Mallia u Rachel Boarer f'isimhom u ghan-nom u fl-interess tal-minuri binhom Benjamin Anthony Boarer u b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2007 Benjamin Anthony Boarer assuma l-atti tal-kawza minflok Anthony Mallia u Rachel Boarer peress li sar maggorenni**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-26 ta’ Jannar 2005, li jaqra hekk:

“Premess illi minn relazzjoni ta' bejn l-atturi twieled il-minuri Benjamin Anthony Boarer, li twieled fil-15 ta' Settembru 1989, gewwa Devon l-Ingilterra; u

“Premess illi fl-24 ta' Novembru 2000, il-minuri Benjamin Anthony Boarer gie dikjarat cittadin ta' Malta, in forza ta' dikjarazzjoni rilaxxjata mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta'l-Expatriates; u

“Premess illi ghalkemm fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess Benjamin Anthony Boarer, l-attur Anthony Mallia gie dikjarat bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri, l-istess minuri baqa' maghruf mal-konvenut u awtoritajiet ohra bil-kunjom tal-omm u cioe' Boarer, u mhux dak ta' missieru Mallia; u

“Premess illi l-atturi jridu illi fuq l-atti civili kollha ta' binhom Benjamin Anthony Boarer, hu jkun rregistrat u maghruf bil-kunjom tal-missier naturali, u cioe' Mallia, u ghalhekk jixtiequ illi fuq l-atti civili kollha tal-istess minuri il-kunjom tal-omm u cioe' Boarer jigi sostitwit bil-kunjom tal-missier naturali, u cioe' Mallia, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi; u

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara illi l-kunjom tal-minuri Benjamin Anthony ghandu jkun Mallia, u dan ghar-ragunijiet premessi;

“2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u tibdil mehtiega fic-certifikat tat-twelid u f'kull att civili iehor u sussegwenti tal-istess Benjamin Anthony Boarer sabiex jaqra Benjamin Anthony Mallia;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza guridika illi tordna li isiru l-korrezzjoni f’Att ta' Twelid li hu registrat fil-'County of Devon' fl-Ingilterra;

“2. Illi subordinatament u minghajr pregidizzju ghas-suespost, l-atturi ghazlu li jirregistraw dan l-Att ta' Twelid Ingliz fir-Registru Pubbliku f’Malta fis-9 ta' Frar 2001 liema Att ta' Twelid igib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 592 tas-sena 2001. Inoltre, l-esponent jirrileva illi Att ta' Twelid redatt skond il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandux kolonna li tispecifika l-kunjom tat-tarbija stante illi t-tarbija awtomatikament tiehu l-kunjom li hemm indikat fil-kolonna li tindika d-dettalji tal-missier jekk it-tarbija twieldet fiz-zwieg jew jekk it-tarbija twieldet barra miz-zwieg pero, l-missier naturali taghha irrikonoxxieha ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-banda l-ohra jekk it-tarbija twieldet barra miz-zwieg u l-omm tat-tarbija biss tkun ghamlet id-dikjarazzjoni tat-twelid allura it-tarbija tiehu awtomatikament il-kunjom li hemm indikat taht il-kolonna li tindika id-dettalji dwar l-omm;

“3. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

“4. Illi ghandha issir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Ottubru 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“……filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qeghda tilqa t-talbiet ta’ l-attur u tiddikjara illi l-kunjom ta’ Benjamin Anthony ghandu jkun Mallia u

konsegwentement qeghda tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u tibdil mehtiega fic-certikat tat-twelid u f'kull att civili iehor u sussegwenti ta' l-istess Benjamin Anthony Boarer sabiex jaqra Benjamin Anthony Mallia.

“Il-Qorti tordna ukoll illi ‘ai termini’ ta' l-artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili bil-mod preskritt fl-istess disposizzjoni tal-Kap. 16.

“Il-Qorti tordna li f'dawn ic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-attur.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi irrizulta mill-provi prodotti illi Anthony Mallia xehed illi huwa kellu relazzjoni mal-attrici Rachel Boarer u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel Benjamin Anthony fil-15 ta' Settembru 1989 gewwa Devon l-Ingilterra.  Anthony Mallia xehed illi f'dak iz-zmien huwa kien jghix Malta u illi kienet id-decizzjoni tieghu u ta' Rachel Boarer illi ma jizzewgux. Izda minkejja li ma kienux mizzewgin huwa, jigifieri Anthony Mallia mal-ewwel ried jirrikonoxxi lil Benjamin Anthony bhala ibnu naturali u fil-fatt tnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu bhala l-missier naturali.  Anthony Mallia kompla jixhed illi meta hu u Rachel marru biex jirregistraw it-twelid ta' binhom inghataw l-ghazla illi ghalkemm hu kien irrikonoxxa lil ibnu, ibnu ikun maghruf bil-kunjom ta' l-omm naturali u mhux bil-kunjom tieghu u huma ghamlu din l-ghazla peress illi Rachel kienet ghazlet illi tghix l-Ingilterra flimkien mat-tifel, waqt illi hu kien ser ikompli jghix Malta u ghalhekk dak iz-zmien deherilhom illi jkun aktar utli ghat-tifel illi jkun maghruf bil-kunjom ta' ommu illi ovvjament kien kunjom Ingliz.  Anthony Mallia kompla jixhed illi madwar hdax il-xahar wara li twieled binhom Rachel Boarer iddecidiet illi tinsel tghix Malta flimkien ma binhom u minn dak iz-zmien bdew juzaw il-kunjom Mallia

bhal meta irregistraw lit-tifel f'xi attivita u anke meta irregistrawh ghall-iskola. Effettivament irregistrawh fl-iskola primarja Tas-Sliema taht il-kunjom Mallia u t-tifel huwa maghruf ma kull min jafu bhala Benjamin Mallia. Anthony Mallia esebixxa kopja ta' applikazzjoni li kienet saret fi hdan id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fit-22 ta' Awissu tas-sena 2000 li minnha jirrizulta li t-tifel huwa maghruf bil-kunjom Mallia u x-xhud kompla jghid illi fis-sena 2000 hu u Rachel irregistraw lil binhom bhala cittadin Malti u d-dipartiment kien irrilaxxja certifikat ta' cittadinanza lit-tifel u fuq dan ic-certifikat il-kunjom tat-tifel gie indikat bhala Mallia. Ix-xhud kompla jghid illi gara li meta marru biex japplikaw ghall-identity card ghat-tifel sabiex ikun jista jaghmel l-O'Levels, il-karta ta' l-identita provizorja tat-tifel harget taht il-kunjom Boarer. Meta l-genituri naturali talbu spjegazzjoni dwar dan lid-dipartiment koncernat, gew maghrufa illi dan sar peress illi fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tifel, it-tifel kien jidher bil-kunjom ta' l-omm u dan minkejja l-fatt illi l-isem u l-kunjom tal-missier kienu wkoll elenkati fl-istess certifikat. Sussegwentement hu u Rachel Boarer gabu kopja tac-certifikat tat-twelid tat-tifel u minn hemm jirrizulta li t-tifel huwa irregistrat fuq il-kunjom ta' l-omm. Ix-xhud kompla jixhed illi illum il-gurnata fl-Ingilterra it-tifel ma ghadux maghruf bil-kunjom ta' ommu peress illi Rachel Boarer kienet ghamlet dikjarazzjoni fil-25 ta' Lulju 1990 illi t-tifel kellu jkun maghruf anke fl-Ingilterra bil-kunjom Mallia (Dok E), u ghalhekk ghall-finijiet ta' l-Awtoritajiet Inglizi t-tifel huwa registrat taht il-kunjom Mallia. Tant hu hekk illi meta t-tifel gie irregistrat fuq il-passaport ta' ommu kien tnizzel bil-kunjom Mallia peress illi l-passaport inhareg wara illi ommu kienet ghamlet id-dikjarazzjoni imsemmija. Inoltre anke fil-passaport tat-tifel, illi inhareg mill-Awtoritajiet ta' Malta u li gie rilaxxjat fl-20 ta' Gunju tas-sena 2000, it-tifel tnizzel bil-kunjom Mallia.

"Ikkunsidrat :

"Illi xehdet Rachel Boarer u ikkonfermat dak illi xehed Anthony Mallia. Hija ikkonfermat illi hija kienet nizlet Malta ma binha Benjamin fil-5 ta' Settembru tal-1990 u dejjem ghexet Malta minn dak iz-zmien sal-lum flimkien

ma binha Benjamin. Hija xehdet ukoll li qabel ma telqet minn l-Ingilterra kienet ghamlet dikjarazzjoni ufficjali li permezz taghha iddikjarat illi binha kellu jibda juza kunjom missieru naturali u cioe' Mallia u din id-dikjarazzjoni ghamlitha fil-25 ta' Lulju 1990 u ghalhekk meta telqet minn l-Ingilterra ma Benjamin, hu kien imnizzel fuq il-passaport taghha bhala Benjamin Mallia. Hija ikkonfermat ukoll illi f'Novembru tas-sena 2000 binha Benjamin gie dikjarat cittadin Malti u fic-certifikat tac-cittadinanza tieghu kunjomu huwa indikat bhala Mallia u il-passaport tieghu li hareg mill-awtoritajiet Maltin huwa wkoll fl-isem ta' Benjamin Mallia.

"Ikkunsidrat :

"Illi Rachel Boarer u Anthony Mallia esebew vera kopja ta' 'deed-poll' a fol 36 tal-process li permezz taghha Rachel Boarer fil-25 ta' Luolju 1990 irrinunzjat f'isem binha ghall-uzu da parti ta' binha tal-kunjom ta' Boarer u assumiet f'ismu il-kunjom Mallia. Permezz ta' dan id-dokument Rachel Boarer awtorizzat u talbet lill-persuni kollha sabiex jindirizzaw lil binha bil-kunjom Mallia minflok bil-kunjom Boarer.

"Illi xehed Tonio Fenech, Assistent Principal fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u ikkonferma li qabel ma hareg ic-certifikat ta' cittadinanza lil iben Anthony Mallia f'isem ta' Benjamin Mallia huwa kien ra id-dokument fejn omm Benjamin Mallia, Rachel Boarer kienet irrinunzjat ghal kunjom Boarer ghat-tifel taghha u assumiet dejjem f'isem binha il-kunjom Mallia.

"Illi xehed ukoll Bernard Grech, Principal fil-Passport Office u ikkonferma li f'April tas-sena 2000 kien hareg il-passaport favur Benjamin Mallia u ikkonferma li qabel ma hargu dan il-passaport kienu raw certifikat tat-twelid illi kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process, fejn isem it-tarbija huwa imnizzel bhala Benjamin Anthony Boarer, izda raw ukoll id-'deed-poll' fejn l-omm kienet irrinunzjat f'isem binha ghall-uzu tal-kunjom Boarer u assumiet minflok il-kunjom Mallia. Ix-xhud ikkonferma li d-'deed-

poll' mhuwiex awtentikat, izda qal illi xorta wahda hareg il-passaport f'isem Benjamin Anthony Mallia.

"Ikkunsidrat :

"Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri il-passaport Malti ta' Benjamin Anthony Mallia gie irtirat mill-Awtorita kompetenti, izda l-genituri tieghu ottjenew il-hrug ta' passaport Ingliz fl-istess isem u cioe' Benjamin Anthony Mallia; liema passaport ghandu numru 706229515 u huwa validu sat-22 ta' Marzu 2017.

"Illi kopja ta' dan il-passaport gie esebit u jinsab a fol. 65.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza guridika illi tordna li isiru l-korrezzjonijiet jew korrezzjoni f'Att ta' Twelid li hu registrat fil-'County of Devon' fl-Ingilterra.

"Illi in kwantu ghal din l-eccezzjoni il-Qorti qeghda tirrespingiha peress illi l-att tat-twelid in kwistjoni gie registrat f'Malta u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap.16 il-Qorti ghandha gurizdizzjoni dwar it-talbiet tal-attur. Il-Qorti tirrileva ukoll li t-talba tal-attur mhijiex sabiex issir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid kif registrat fil-County of Devon fl-Ingilterra, izda f'dak registrat minnu stess f'Malta.

"Illi l-Qorti tara li gie ippruvat li missier l-attur dejjem irrikonoxxa lil ibnu bhala ibnu naturali u effettivament fic-certifikat tat-twelid registrat l-Ingilterra hemm inmizzel isem u kunjom il-missier fil-kolonna tal-missier.

"Illi meta l-attur gie jghix Malta, il-genituri tieghu irregistraw l-att tat-twelid tieghu u ghamlu talba sabiex l-attur jiehu kunjom il-missier u mhux kunjom ommu. L-attur irnexxielu jipprova wkoll illi c-cittadinanza tieghu illum hija Maltija u fil-fatt c-certifikat ta' cittadinanza tieghu hareg fuq kunjom Mallia, jigifieri fuq kunjom missieru.

“Illi ghal dak illi jirrigwarda ir-raba eccezzjoni dak illi ghandha issir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 il-Qorti rat illi din il-pubblikazzjoni effettivament saret kif jirrizulta a fol. 42 u 43 tal-process.

“Illi ghal dak illi jirrigwarda d-‘deed-poll’, ghalkemm din mhijiex debitament awtentikata il-Qorti tara illi gie ippruvat illi l-awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-‘deed poll’ u hargu l-passaport tal-attur f’kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f’isem l-attur bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“……thassar u tirrevoka d-decizjoni tad-9 ta’ Ottubru 2008 tal-Ewwel Istanza fl-ismijiet hawn fuq premessi, b'eccezzjoni tal-kap tal-ispejjez li ghandu jigi konfermat fejn il-Qorti ordnat li ghandhom jigu sopportati mill-attur/i, u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-esponent u tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez kontra l-appellati.”

Rat ir-risposta ta’ Benjamin Anthony Boarer li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi konfermata;

Rat li l-attur appellat irrinunzja ghall-eccezzjoni preliminari tieghu dwar id-dezerzjoni tal-appell u dan fl-udjenza tad-9 ta’ Novembru 2010;
Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur Benjamin Anthony Boarer qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu u f’kull att civili iehor u sussegwenti, peress li, skont hu, kunjomu hu issa “Mallia”. Mhux kontestat li ma sar ebda zball fuq l-att tat-twelid tieghu meta dan gie redatt, izda l-pretensjoni tieghu hi li b’*deed poll* li ommu ghamlet l-Ingilterra, fejn twieled,

hu biddel il-kunjom tieghu u jrid li din il-bidla tigi registrata hawn Malta wkoll.  Mhux kontestat lanqas li fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz, l-attur kien u ghadu registrat bhala “Benjamin Anthony Boarer”.

L-ewwel Qorti, wara li semghet provi li l-attur hu msejjah bil-kunjom “Mallia”, u qieset bhala validu id-*deed poll* li sar minn omm l-attur, accettat it-talba tieghu u ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega.

Il-konvenut appella u argumenta li l-ewwel Qorti mxiet hazin meta ordnat korrezzjoni fl-atti ta’ twelid ta’ Malta, meta c-certifikat tat-twelid Ingliz ma jidhirx li gie mibdul. Isostni wkoll li l-ewwel Qorti mxiet hazin meta accettat id-*deed poll* minghajr prova tal-effetti tal-istess fil-ligi Ingliza.

Din il-Qorti trid tirregistra li, fil-verita`, fl-att tat-twelid tal-attur ma hemm xejn x’jigi korrett ghax fuq dan ic-certifikat ma kienx imnizzel il-kunjom tat-tifel, imma hemm biss ismu u li missieru hu Anthony Benjamin Mallia u ommu hi Rachel Boarer.  Biss meta l-konvenut hareg estratt ta’ dan l-att fi Frar tal-2005, iddikjara li l-attur ismu “Benjamin Anthony Boarer”.  Dan ghamlu peress li fuq ic-certifikat tat-twelid tal-attur mahrug l-Ingilterra, fejn twieled, jinghad espressament li t-tifel hu “Benjamin Anthony Boarer”, u l-konvenut ma riedx johloq diskrepanzi bejn il-posizzjoni Maltija u dik ufficjalment registrata fl-Ingilterra.  Ir-registrazzjoni f’Malta saret a bazi tac-certifikat mahrug fl-esteru, fil-pajjiz fejn twieled l-attur, u kwindi l-konvenut qaghad attent li jkun fidil mad-dettalji indikati fil-pajjiz fejn twieled l-attur.

F’Lulju tal-1990, saret l’hekk imsejha *deed poll* minn omm l-attur, Rachel Boarer, fejn iddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghall-kunjom “Boarer” fir-rigward ta’ binha l-attur, u kienet qed taccetta li jissejjah bil-kunjom “Mallia”. Ma saret ebda prova dwar l-effetti ta’ din l-istqarrija fl-Ingilterra, hlief li giet esebita kopja tal-passaport Ingliz tal-attur mahrug f’Marzu tal-2007, u li jindikah bil-kunjom “Mallia”.

Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret.  Ma gietx esebita kopja ufficjali ta’ dan l’hekk imsejjah *deed poll*, u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi.  Lanqas ma saret prova tal-validita` ta’ dak id-dokument mahrug minn omm it-tifel u mhux ukoll minn missieru.  Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu passaport fuq l-attur bil-kunjom “Mallia”, ma jistax jitqies prova ta’ aktar minn dan.

Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-*deed poll* u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda tal-effetti ta’ dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza.  Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b’rizultat ta’ dak id-*deed poll* saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx *proof of foreign law*, f’dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta’ dik id-*deed poll*.  Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont principji ta’ dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-presunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija.  Fil-fatt fil-kawza **Saliba v. Lawson**, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta’ Frar 1932 intqal li:

*“chi invoca in un gudizio l’applicazione di una legge straniera assume l’onere della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella lege; mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.”*

Taht il-ligi Maltija, wiehed ma jistax “jirrinunzja” ghall-kunjom u jaddotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-*deed poll* jitqies null.  Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li, taht il-ligi Ingliza, dak id-dokument hu validu, u ghandu l-effetti li jippretendi.
Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom “Mallia”, <u>kieku</u> saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta’ registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta’ din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur.

Hu veru li l-Gvern Malti hareg certifikat ta’ cittadinanza Maltija fuq l-attur bl-isem ta’ “Benjamin Mallia”, pero` meta hareg dan ic-certifikat ma saritx indagini dwar ismu (li hekk gie ndikat mill-genituri tal-attur peress li kien ghadu minorenni), izda, dwar jekk jikwalifikax ghac-cittadinanza Maltija. Meta l-izball gie skopert, il-passaport Malti mahrug a bazi ta’ dak ic-certifikat ta’ cittadinanza gie irtirat.

F’kull kaz, din il-Qorti hija preokkupata li tara li ma jkunx hemm diskrepanza f’isem u kunjom it-tifel bejn Malta u l-Ingilterra, u la darba ma saritx prova cara tal-validita` u l-effetti ta’ l’hekk imsejjah *deed poll* gewwa l-Ingilterra, ma tarax li tista’ timxi mod iehor. Din il-Qorti, biex ma tippregudikax il-posizzjoni tal-attur li jirrimedja ghan-nuqqasijiet riskontrati f’din il-kawza, mhux se tichad it-talbiet tal-attur, pero`, se tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, peress li l-attur naqas li jgib prova sodisfacenti tal-ligi estera li tirregola l-materja.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex minflok tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------